VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 38 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7 (b) (v) tal-Istatut tal-Iskola u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Iskola tal-Arti Performattiva;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts – M.A.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Kors ikun offrut fl-oqsma ta' studju li jaqgħu taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord u għandhom ikunu mħabbra flimkien mal-mod ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors u wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-applikanti jkunu meħtieġa jindikaw l-għażla tagħhom tal-qasam u l-mod ta' studju fiż-żmien tal-applikazzjoni.

(3) Il-Kors jista' jkun offrut jew prinċipalment mgħallem jew prinċipalment bir-riċerka skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Prinċipali. Il-Bord għandu jindika qabel il-bidu ta' kull Kors liema oqsma ta' studju jistgħu jittieħdu bir-riċerka biss u liema oqsma ta' studju jistgħu jittieħdu b'taqsimiet studju mgħallma u bir-riċerka. Il-Bord għandu jindika wkoll liema oqsma ta' studju huma offruti fil-korsijiet *full-time* u *part-time*.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. Suġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fl-ordinament 5, il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar fl-istess qasam jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mal-qasam ta' studju li qegħdin japplikaw għalih; jew

(b) grad ta' Bachelor fl-istess qasam jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib mal-qasam ta' studju li qegħdin japplikaw għalih, b'marka medja ta' mhux anqas minn 65% f'dak il-qasam ta' studju; jew

(ċ) grad minn din l-Università jew università oħra, li l-Bord jikkunsidra bħala komparabbli għal kwalunkwe wieħed mill-gradi ndikati fis-sottoparagrafi (a) u (b) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament; jew

(d) kwalifika/kwalifiki professjonali u / jew esperjenza meqjusa mill-Bord, li jissodisfaw parti mir-rekwiżiti għad-dħul għal kors ta' wara l-ewwel grad prinċipalment mgħallem, sakemm li l-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 6.

5. L-applikanti li jixtiequ japplikaw għall-Grad permezz tar-riċerka jistgħu jindikaw it-titlu provviżorju għad-dissertazzjoni fuq l-applikazzjoni għad-dħul. L-applikazzjoni għandha tinkludi l-proposta tar-riċerka kif ukoll dikjarazzjoni mill-kap tad-dipartiment ikkonċernat li l-applikanti għandhom it-taħriġ, l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa għal linja ta' studju u riċerka proposti.

Il-Programm Preparatorju

6. (1) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafi (b), (ċ) u (d) tal-ordinament 4 ikunu meħtieġa jsegwu programm preparatorju kif speċifikat mill-Bord. Il-programm preparatorju jinkludi taqsimiet studju fil-qasam ta' studju kkonċernat, u jista' jinkludi wkoll taqsimiet studju li huma ntenzjonati biex iħarrġu lill-istudenti fil-kompetenzi meħtieġa biex jagħmlu xogħol ta' riċerka.

(2) Matul il-programm preparatorju l-istudenti jkunu meħtiega jirreġistraw għal numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu ECTS u mhux aktar minn 60 krettu ECTS.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu l-programm preparatorju b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel ma jirreġistraw għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

7. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti fi' studju *part-time*.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Programm ta' Studju

8. (1) (a) Il-programmi ta' studju prinċipalment mgħallma jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 krettu ECTS.

(b) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti.

(2) Il-programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka jikkonsistu minn taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 10 kretti ECTS u taqsima studju tad-dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 80 krettu ECTS.

9. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

10. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jsegwu programm ta' studju prinċipalment mgħallem li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

(4) L-istudenti li jsegwu programm ta' studju prinċipalment bir-riċerka li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time* jew il-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

Id-Dissertazzjonijiet fi Programmi Prinċipalment Mgħallma

11. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment mgħallma, l-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir primarjament waqt it-tielet semestru tal-Kors. L-istudenti jkunu assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) L-istudenti li qegħdin isegwu programm prinċiplament mgħallem għandhom iressqu t-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata tar-riċerka għall-approvazzjoni tal-Bord sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat qabel it-tmiem tat-tieni semestru.

Il-Programmi ta' Studju bir-Riċerka

12. (1) Fi programmi ta' studju prinċipalment bir-riċerka, l-istudenti huma meħtieġa:

(a) jippreżentaw dissertazzjoni ta' massimu ta' 50,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord; jew

(b) jippreżentaw preżentazzjoni ta' prattika artistika kif ukoll dissertazzjoni ta' massimu ta' 30,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors, wara l-approvazzjoni tal-proposta. L-istudenti jkunu assenjati superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata tar-riċerka għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid għall-approvazzjoni tal-Bord wara li jintemmu t-taqsimiet studju obbligatorji.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjonijiet

13. (1) Fil-każijiet kollha, l-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Għall-istudenti li qegħdin isegwu programm prinċipalment mgħallem, is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom kif applikabbli.

(3) Għall-istudenti li qegħdin isegwu programm prinċipalment bir-riċerka, is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*.

(4) Ir-rapporti meħtieġa fil-paragrafi (2) u (3) ta' dan l-ordinament jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

14. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

15. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.